# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 18**

**Rikors numru 52/17 JRM**

**James Fenech u Dorothy Fenech**

**v.**

**Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-Avukat Generali**

PRELIMINARI

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi l-aħwa James Fenech u Dorothy Fenech mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Qorti (*Sede Kostituzzjonali*) fl-14 ta' Frar 2019, li permezz tiegħu qed "**jitolbu"** lil din il-Qorti tawmenta l-kwantum tal-kumpens mhux pekunjarju (€18,000) li llikwidat l-ewwel Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-intimati appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Lulju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li din il-Qorti ssib li, fir-rigward ta' kull wieħed u waħda minnhom, (i) seħħ ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja u li ħajjithom ma titqegħidx f'perikolu bla bżonn, għall-finijiet tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (ii) seħħ ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja tal-individwu, għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ħajja tagħhom; (iii) seħħ ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja ta' l-individwu, għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tagħhom li jkunu nfurmati dwar il-perikli marbuta ma' (l-użu ta') l-*asbestos*; (iv) tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali mġarrbin minnhom ilkoll jew liema minnhom, (v) tillikwida l-kumpens xieraq minħabba dan il-ksur; u (vi) tordna li l-ammont hekk likwidat bħala rimedju pekunjarju jitħallas lilhom individwalment;
>
> "Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tad-5 ta' Ottubru, 2017;
>
> "Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Tabib Ewlieni tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali fil-25 ta' Lulju, 2017, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi ċaħdu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti għax qalu li r-rikorrenti jridu juru li missierhom Joseph Fenech tassew kien espost għall-*asbestos* waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu fit-Tarzna u li kien minħabba f'hekk li ntlaqat mill-marda terminali tiegħu u mhux minħabba ċirkostanzi oħrajn li ma għandhomx x'jaqsmu max-xogħol tiegħu. Jiċħdu b'qawwa li huma jew min minnhom qatt qiegħed il-ħajja ta' xi wieħed mir-rikorrenti f'xi periklu jew li ċaħħduhom mill-jedd għal ħajjithom, u għalhekk jisħqu li, safejn l-azzjoni attriċi tintrabat ma' ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, it-talbiet attriċi ma għandhomx jintlaqgħu. Dwar l-ilment tar-rikorrenti li ċ-ċirkostanzi tal-kundizzjoni ta' Joseph Fenech ġabitilhom ksur tal-jedd tagħhom għall-jedd tagħhom għall-privatezza u t-tgawdija tal-familja skond l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-intimati jgħidu li la l-imsemmi artikolu jisħqu li huma qatt ma ndaħlu bl-ebda mod jew ħadu xi miżuri biex jikkomprometu jew ifixklu l-ħajja privata tar-rikorrenti. Għall-kuntrarju, jisħqu li hekk kif il-Gvern Malti għaraf l-effetti ħżiena tal-*asbestos*, ħa l-miżuri meħtieġa, magħduda bidliet fil-liġijiet rilevanti,

biex jindirizza l-problemi kawżati mill-imsemmi materjal fost il-ħaddiema tat-tarznari. B'żieda ma' dan, minkejja li għal żmien twil l-*asbestos* kien użat f'għadd ta' prodotti li jidħlu fid-djar u meqjus bħala wieħed mll-aqwa materjali għall-insulazzjoni, malli beda jkun magħruf x'riskji kien hemm bl-użu tiegħu, il-Gvern kien ħa miżuri wiesgħa fuq medda ta' snin biex ineħħi l-*asbestos* minn postijiet pubbliċi biex iwarrab xi ħsara li setgħet tiġri lill-popolazzjoni: dan kien proċess li kien jitlob żmien sostanzjali u ma setax jitneħħa f'tebqa t'għajn;

"Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik dokumentali;

"Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2017[1], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti waqt is-smigħ ta' dakinhar, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Carmena Fenech et vs Chairman tal-Malta Drydocks noe et*"[2] jinġabu quddiemha biex il-provi li tressqu fl-atti ta' dik il-kawża jservu bħala parti mill-provi f'din ukoll;

"Rat in-Nota mressqa mill-intimati fid-29 ta' Jannar, 2018[3], b'indikazzjoni tal-provi mill-atti tal-kawża fuq imsemmija li din il-Qorti ntalbet tieħu konjizzjoni tagħhom;

"Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2018[4], mill-avukat difensur tar-rikorrenti għall-istess għan;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fid-9 ta' April, 2018[5];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati Tabib Prinċipali tal-Gvern u Avukat Ġenerali fl-24 ta' April, 2018[6], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

"Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***"Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għall-ħajja u tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Ir-rikorrenti huma wlied persuna li nħakmet minn marda qerrieda u li għal xi snin kienet taħdem fit-Tarzna ta' Malta. Minħabba li, waqt li kien għadu

[1] Paġ. 18 tal-proċess
[2] Ċitazz. Nru. 1427/97PS (maqtugħa definittivament mill-Qorti tal-Appell fit-3.12.2010)
[3] Paġ. 46 tal-proċess
[4] Paġ. 51 tal-proċess
[5] Paġġ. 52 sa 64 tal-proċess
[6] Paġġ. 65 sa 72 tal-proċess

impjegat mal-imsemmija kumpannija bħala "*boiler-maker*", missierhom kellu jitlaq l-impieg għaliex laqtitu marda terminali b'kanċer ("*malignant mesothelioma*"), u dan minħabba li kien espost għall-*asbestos* waqt il-qadi ta' xogħolu. Jgħidu li, minħabba li l-awtoritajiet naqsu li jagħtuh ħarsien u tagħrif f'waqtu biex jilqa' għall-ħsara li ġġib l-espożizzjoni tal-*asbestos*, ġarrab l-imsemmija marda li ġabitlu ħsara li ma tgħaddix u li laqtitilhom ilkoll b'mod sħiħ, qawwi u effettiv il-kwalità ta' ħajjithom, u mhux biss ta' missierhom il-vittma diretta tal-marda. Għalhekk, qegħdin jitolbu li l-Qorti ssib li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom dwar ħarsien għal ħajja tagħhom u dwar ħarsien li ħajjithom ma titqegħidx f'periklu u dwar il-jedd tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja. Jitolbu r-rimedju xieraq tal-kumpens u l-likwidazzjoni tad-danni;

"Illi l-intimati Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika) u Avukat Ġenerali laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi ċaħdu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti għax qalu li r-rikorrenti jridu juru li missierhom tassew kien espost għall-*asbestos* waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu fit-Tarzna u li kien minħabba f'hekk li ntlaqat mill-marda terminali tiegħu u mhux minħabba ċirkostanzi oħrajn li ma għandhomx x'jaqsmu max-xogħol tiegħu. Jiċħdu b'qawwa li huma jew min minnhom qatt qiegħed il-ħajja ta' xi wieħed mir-rikorrenti f'xi periklu jew li ċaħħduhom mill-jedd għal ħajjithom, u għalhekk jisħqu li, safejn l-azzjoni attriċi tintrabat ma' ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, it-talbiet attriċi ma għandhomx jintlaqgħu. Dwar l-ilment tar-rikorrenti li ċ-ċirkostanzi tal-kundizzjoni ta' missierhom ġabitilhom ksur tal-jedd tagħhom għall-jedd tagħhom għall-privatezza u t-tgawdija tal-familja skond l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-intimati jgħidu li la l-imsemmi artikolu jisħqu li huma qatt ma ndaħlu bl-ebda mod jew ħadu xi miżuri biex jikkomprometu jew ifixklu l-ħajja privata tar-rikorrenti. Għall-kuntrarju, jisħqu li hekk kif il-Gvern Malti għaraf l-effetti ħżiena tal-*asbestos*, ħa l-miżuri meħtieġa, magħduda bidliet fil-liġijiet rilevanti, biex jindirizza l-problemi kawżati mill-imsemmi materjal fost il-ħaddiema tat-tarznari. B'żieda ma' dan, minkejja li għal żmien twil l-*asbestos* kien użat f'għadd ta' prodotti li jidħlu fid-djar u meqjus bħala wieħed mll-aqwa materjali għall-insulazzjoni, malli beda jkun magħruf x'riskji kien hemm bl-użu tiegħu, il-Gvern kien ħa miżuri wiesgħa fuq medda ta' snin biex ineħħi l-*asbestos* minn postijiet pubbliċi biex iwarrab xi ħsara li setgħet tiġri lill-popolazzjoni: dan kien proċess li kien jitlob żmien sostanzjali u ma setax jitneħħa f'tebqa t'għajn;

"Illi, bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li Joseph Fenech, missier iż-żewġ rikorrenti, twieled f'Mejju tal-1941. Daħal jaħdem fit-Tarzna ta' Malta f'Marzu tal-1959 u baqa' jaħdem f'dik l-ażjenda sa ma rtira qabel iż-żmien f'Jannar tal-1995[7]. Iżżewweġ lil Carmen imwielda Vella u minn dak iż-żwieġ twieldu ż-żewġ rikorrenti;

[7] Dok "A", f'paġ. 5 tal-atti tal-kawża 1427/97

"Illi Fenech beda jaħdem bħala "*assistant boiler-maker*" fit-Tarzna ta' Malta sa minn Ottubru tal-1976 u baqa' f'dik il-kariga sa ma rtira taħt waħda mill-iskemi ta' rtirar qabel il-waqt li t-Tarzna kellha għall-ħaddiema tagħha[8];

"Illi għall-ħabta tal-aħħar xhur tal-1993, Joseph Fenech beda juri sintomi ta' sogħla u qtugħ ta' nifs u, wara li kien riferut għall-poliklinika tal-Mosta, ntbagħat l-isptar għal aktar aċċertamenti[9]. Minn dawn deher li Fenech seta' kellu l-asbestożi. Madankollu, wara li tteħdulu kampjuni mill-pulmun tiegħu, ħareġ li kien inħakem mill-mesoteljoma b'kawża tal-*asbestos*. Minn dakinhar 'il quddiem ma kienx reġa' resaq lejn it-Tarzna għax-xogħol, fuq ordni tal-konsulent mediku tiegħu;

"Illi Joseph Fenech miet fl-Isptar *Sir Paul Boffa* ta' ħamsa u ħamsin (55) sena fit-22 ta' Frar, 1997, bil-kawża tal-mewt tiegħu tkun identifikata bħala "*malignana mesothelioma with extensive pericardial involvement*"[10]. Dan kien konfermat minn awtopsja li saret fuq Fenech jumejn wara mewtu[11];

"Illi dakinhar li miet, ir-rikorrenti kienu għadhom jgħixu d-dar mal-ġenituri tagħhom, imma kienu t-tnejn fl-impieg u jżommu 'l ommhom li, sa dakinar li miet żewġha, kienu jgħixu bil-pensjoni;

"Illi f'Ġunju tal-1997, l-armla ta' Joseph Fenech u wliedu r-rikorrenti fetħu kawża għad-danni kontra t-Tarzna ta' Malta għall-kumpens minħabba l-mewt ta' Joseph Fenech minħabba li tqiegħed f'kuntat mal-*asbestos*. B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ottubru, 2008[12], u għar-raġunijiet hemm imfissra, it-Tarzna ta' Malta nstabet responsabbli għall-marda u l-mewt konsegwenzjali ta' Fenech u ikkundannata tħallas lill-atturi b'kumpens is-somma ta' mija u tlitt elef mija u erbatax-il euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€ 103,114.37). Dik is-sentenza, flimkien ma' oħra *in parte* li kienet ingħatat fl-istess kawża fis-6 ta' Diċembru, 2006[13], dwar il-kwestjoni tar-responsabbiltà, kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010;

"Illi fil-5 ta' Lulju, 2017, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża;

"Illi l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ imressaq mir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tqis l-ilmenti tar-rikorrenti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardawhom. Il-każ tar-rikorrenti jinbena fuq ksur ta' żewġ jeddijiet fundamentali tagħhom: (i) dak dwar il-ħarsien għad-dritt għall-ħajja kemm taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif

[8] Xhieda tar-rikorrenti Dorothy Fenech f'paġġ. 49 – 50 tal-atti tal-kawża 1427/97
[9] Xhieda ta' Dr Emanuel Farruġia f'paġġ. 138 – 141 tal-atti tal-kawża 1427/97
[10] Dok "1", f'paġ. 4 tal-proċess
[11] Ara Dokti "DF1" u "JD1", f'paġġ. 56 sa 61 u 133 – 7 tal-atti tal-kawża 1427/97
[12] Paġġ. 258 sa 272 tal-atti tal-kawża 1427/97
[13] Paġġ. 189 sa 209 tal-atti tal-kawża 1427/97

ukoll taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni; u (ii) dak dwar il-ħarsien tal-ħajja privata u tal-familja taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

"Illi f'din il-kawża, li bħalha tressqu mhux ftit f'dawn il-Qrati, l-intimati qajmu biss eċċezzjonijiet fil-mertu. Għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi mill-ewwel biex tqis l-ilmenti **fil-mertu tat-talbiet attriċi** u l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** dwarhom;

"Illi l-ewwel kawżali tal-azzjoni tar-rikorrenti hija li huma ġarrbu **ksur tal-jedd ta' ħarsien tad-dritt għall-ħajja** (l-ewwel talba attriċi). Huma jibnu dan l-ilment kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"Illi għal dan l-ilment, l-intimati jilqgħu billi jgħidu li huma ma għamlu l-ebda ħaġa bi ħsieb li jġibu l-mewt ta' Fenech, ladarba qatt ma kien impjegat magħhom, u lanqas kienu b'xi mod jaħtu għal dik il-mewt. Iżidu jgħidu wkoll li jaqa' fuq ir-rikorrenti li juru b'mod tajjeb biżżejjed li l-qarib tagħhom tassew ħadem f'ambjent li fih kien jiġi f'kuntatt ma' u jmiss l-*asbestos* u li l-marda li ħakmitu u l-mewt tiegħu ġraw minħabba dak il-kuntatt fuq dak il-post tax-xogħol u li ma seħħewx b'xi kawża oħra;

"Illi, safejn rilevanti għall-każ tallum, l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*(1) Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skond il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*" L-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi privat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena*";

"Illi għalkemm mad-daqqa t'għajn jidher li t-termini tal-artikolu tal-Konvenzjoni huma usa' minn dawk tal-Kostituzzjoni, ma għandux ikun hemm dubju li t-tnejn li huma ndaqs iħarsu l-jedd għall-ħajja u jistgħu u għandhom jitfissru l-istess[14]. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien;

"Illi l-artikoli msemmija taħt din il-kawżali jitkellmu dwar il-ħarsien tal-persuna fil-ħajja tiegħu, li huwa meqjus bħala l-ogħla jedd għaliex jolqot il-qalba tat-tgawdija tal-jeddijiet li persuna jista' jkollha u li tista' tgawdihom biss u sakemm għadha ħajja. Huma artikoli li joħolqu kemm obbligazzjoni 'passiva' fuq l-Istat (fis-sens li ma għandu jagħmel xejn biex iġarrab il-ħajja ta' persuna) u kif ukoll obbligazzjoni 'pożittiva' li l-Istat iwettaq jew iniedi miżuri ta' fejda li jħarsu l-ħajjiet tal-persuni u jinkorporaw ir-regola tal-proporzjonalità stretta[15] li tfisser li

[14] Ara P.A. Kost. LSO **15.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Aġius vs Avukat Ġenerali et*** **(**riformata mill-Qorti Kostituzzjonali, imma mhux f'dan ir-rigward, b'sentenza mogħtija fl-**14.12.2015**)

[15] Ara. Q.E.D.B. (GC) **24.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuliani & Gaggio vs Italja*** (Applik. Nru. 23458/02) §§ 176 u 209

jaqa' fuq l-Istat dmir qawwi li jħares b'mod effettiv dak il-jedd u li l-eċċezzjonijiet għalih iridu jkunu eċċezzjonali u preskritti mil-liġi b'mod ċar. Huwa stabbilit li dawn l-obbligazzjonijiet 'pożittivi' jgħoddu wkoll fil-qasam tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà pubblika, bl-Istat iwieġeb kemm għal għemejjel jew kif ukoll għal nuqqasijiet (omissjonijiet) ta' miżuri f'waqthom u ta' fejda f'dan ir-rigward[16]. Minħabba f'hekk, jidħol fis-seħħ l-aspett 'proċedurali' tal-obbligu tal-Istat li jħares ħajjet in-nies u li dan l-obbligu huwa maqtugħ għalih u awtonomu mill-obbligazzjoni sostantiva li taqa' fuq l-Istat f'każ ta' ksur tal-artikolu 2;

"Illi huwa aċċettat ukoll li l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni jgħodd ukoll fejn, għalkemm ma jkunx hemm telf tal-ħajja, jirriżultaw ċirkostanzi fejn ħajjet il-persuna tkun f'periklu imminenti jew inevitabbli[17];

"Illi f'din il-kawża l-intimati jisħqu li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom taħt dawn l-artikoli minħabba li huma (l-intimati) ma għamlu xejn b'rieda ("xjentement") biex Joseph Fenech ġralu li ġralu. Il-Qorti ma taqbilx li dan l-argument jissarraf f'nuqqas ta' ħtija jew ksur tal-obbligu tal-Istat Malti skond l-artikoli taħt eżami. Mit-tifsir li ngħata hawn fuq tal-firxa ta' responsabbiltà li l-artikoli relattivi jitfgħu fuq l-Istat, joħroġ ċar li ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja jista' jiġri wkoll fejn l-istess Stat jonqos li jieħu miżuri ta' ħarsien xierqa u f'waqthom li jkunu ta' ġid għal dak il-ħarsien[18]. Dan mela jfisser li t-tħaddim tal-artikoli msemmija jgħodd ukoll meta jkun hemm nuqqasijiet min-naħa tal-awtorità pubblika li ma humiex tabilfors għemejjel pre-meditati jew bil-ħsieb speċifiku li jeqirdu l-ħajja jew is-saħħa ta' dak li jkun. Dan ġie mfisser li jgħodd ukoll fejn l-Istat messu kien jaf li tenħtieġ miżura ta' ħarsien u naqas li jagħmel dan f'waqtu jew b'mod xieraq[19];

"Illi għalhekk, filwaqt li bħala regola l-prova li seħħ ksur tal-artikoli msemmija taqa' fuq min jallegaha u li dan jagħmlu fi grad xieraq ta' ċertezza, jista' jiġri li jkun jaqa' fuq l-Istat li juri li kien ħa l-miżuri xierqa biex jevita li jseħħ tali ksur ladarba l-persuna mġarrba jseħħilha turi li sabet lilha nnifisha f'qagħda li tinkixef jew tkun esposta għal xi periklu għal ħajjitha jew saħħitha[20];

"Illi f'dan ir-rigward, l-intimati ma jidhirx li jikkontestaw wisq il-każ tar-rikorrenti dwar jekk inġabitx prova li l-marda tiegħu ġarrabha minħabba li kien jaħdem it-Tarzna. Huma jiffokaw aktar fuq jekk it-tmexxija tat-Tarzna ħaditx miżuri xierqa u f'waqthom biex tħares saħħet il-ħaddiema tagħha. Iżidu jgħidu li l-Istat ma jistax jitgħabba

---

[16] Q.E.D.B. **13.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Trezpalko vs Polonja*** (Applik. Nru. 25124/09) § 23

[17] Q.E.D.B. **9.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Krivova vs Ukrajna*** (Applik. Nru. 25732/05) § 45

[18] P.A. Kost. JZM **31.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Grace Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (mhix appellata)

[19] Ara P.A. Kost. MH **23.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et*** (mhix appellata)

[20] W A Schabas The European Convention on Human Rights: A Commentary (OUP 2015) pġ. 123

bir-responsabbiltà li joqgħod jgħasses fuq kull prinċipal biex jara x'għamla ta' xogħol jagħti lill-ħaddiema tiegħu, jew jekk ikunx qiegħed jesponihom għal ħsara f'saħħithom. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dan l-argument. Fl-ewwel lok, għalkemm huwa minnu li l-użu tal-*asbestos* f'Malta (bħal f'bosta artijiet oħrajn avvanzati) kien fuq firxa wiesgħa ta' prodotti, kemm industrijali u wkoll domestiċi, il-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha llum trid tqis jekk l-Istat ħax miżuri effettivi u f'waqthom malli sar magħruf xi ħsara jġib għall-bniedem l-*asbestos* u l-għabra tiegħu. Fit-tieni lok, huwa dmir impost mil-liġi fuq l-Istat li jara li jkun hawn liġijiet fejjieda u makkinarju ta' infurzar tagħhom, imqar fuq il-post tax-xogħol, fost liema infurzar wieħed isib dak fejn l-Istat irid jaċċerta li l-ħaddiema – kemm fis-settur pubbliku u wkoll f'dak privat – jaħdmu f'ambjent li ma jkunx ta' ħsara għal saħħithom. Fit-tielet lok, il-Qorti tqis li huwa kemmxejn ironiku li l-intimati jgħidu li l-Istat ma jistax jinżamm responsabbli għall-kundizzjonijiet tal-impieg tal-ħaddiema tat-Tarzna, meta għal bosta snin (ukoll rilevanti għall-każ ta' Joseph Fenech) it-tmexxija tagħha kien responsabbiltà statali jew parastatali. Fir-raba' lok, meta l-intimati jelenkaw għadd ta' liġijiet li kienu maħsuba biex jirregolaw l-*asbestos* u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal min jaħdem f'kuntatt ma' dak il-materjal, kienu qegħdin juru li l-Istat kien imissu jkun responsabbli u li dawn il-miżuri ma kinux iddaħħlu fis-seħħ mill-ewwel;

"Illi l-intimati ressqu provi (meħudin ukoll minn proċeduri f'kawża oħra bħal din tallum) biex juru li t-Tarzna kienet tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tħares lill-impjegati tagħha mill-periklu tal-*asbestos*[21]. Din il-Qorti, bħall-Qorti li quddiemha kienet ingħatat dik ix-xhieda, ma għandhiex dubju li kienet qamet kuxjenza dwar il-ħsarat li jġib miegħu l-kuntatt mal-*asbestos*, iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li għal bosta snin kellhom ikunu azzjonijiet sindakali f'isem il-ħaddiema li wrew li, minkejja dawk il-miżuri ta' ħarsien, kienu qegħdin jittieħdu rimedji effettivi biex il-ħaddiema ma jitniġġsux bl-għabra ta' dak il-materjal. Mhux hekk biss, imma ħareġ ukoll li t-Tarzna, f'isem il-ħaddiema tagħha, kienet ukoll ressqet pretensjonijiet ta' kumpens fil-konfront ta' klijenti tagħha li kienu jġibu f'Malta bastimenti b'xogħol fuq l-*asbestos*. Din il-prova hija waħda minn fost provi dokumentali oħrajn li tressqu fil-kawża li r-rikorrenti u ommhom kienu fetħu kontra t-Tarzna sewwasew għad-danni mġarrba[22];

"Illi dwar jekk inġabitx prova li Joseph Fenech kien tassew intbagħat jaħdem f'ambjent li kien jikxfu għall-*asbestos*, il-Qorti ssib li r-rikorrenti jidher li ressqu biżżejjed provi biex dan il-fatt jissoddisfa lil din il-Qorti. Mhux biss intwera li hu, tul il-ħajja kollha tax-xogħol tiegħu, kien jaħdem fit-Tarzna ta' Malta, iżda ntwera li kien ikun mibgħut fuq xogħlijiet li kienu jirrigwardaw kuntatt dirett u fit-tul mal-*asbestos*. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib bħala siewja u konvinċenti x-xhieda mogħtija minn tobba fil-kawża ċivili miftuħa mir-rikorrenti u ommhom kontra t-Tarzna. Hekk, b'riferenza għall-mesoteljoma, ingħad li

[21] Ara Dokti "CS01", "GP01", "CS02" u "GP02", f'paġġ. 19 sa 40 tal-proċess
[22] Ara Dok "DF", f'paġ. 55 tal-atti tal-kawża 1427/97

"*Sfortunatament dan it-tumur huwa aggressiv immens u uniformament, dejjem, huwa fatali, tagħmel x'tagħmel. M'hemmx xi kura partikolari ta' xi chemotherapy jew raġġi jew xi pills. Hija litteralment qisha sentenza ta' mewt. U din ovvjament lill-pazjent ma kontx għedtlu jiena, imma r-relatives kienu jafu. .. .. .. Dan il-malignant mesothelioma huwa tumur rari immens, pero' komuni ħafna f'min hu espost għall-asbestos. Infatti nista' ngħid kategorikament li dan huwa tumur ikkaġunat mill-asbestos fibre. Dan mhux qed ngħidu jiena. Hemm volumi ta' literature li jgħidu li dan it-tumur huwa esklussivament ikkaġunat minn exposure kontnwu għal ħafna snin .. .. .. Jiena li niftakar kien anke meta ggradwajt, which is in 1984, it was standard teaching already that malignant mesothelioma huwa mill-asbestos*"[23];

"Illi, fil-qafas ta' dawn il-provi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti seħħilhom juru fi grad tajjeb biżżejjed kif trid il-liġi li l-marda li wasslet għall-mewt ta' missierhom kienet l-effett dirett ta' żmien twil f'xogħol f'kuntatt mal-*asbestos* jew mal-għabra ta' dak il-materjal u li dan il-kuntatt ma kienx imħares mill-perikli tat-tniġġis li jwassal għal ħsara fil-ġisem li ma titreġġax lura;

"Illi ħareġ mill-provi wkoll li ilu żmien magħruf fl-oqsma tax-Xjenza u l-Mediċina xi ħsara jġib għas-saħħa tal-bniedem l-*asbestos* jew l-għabra tiegħu meta tidħol fil-ġisem man-nifs. Daqstant ieħor, matul iż-żmien li Fenech kien impjegat fit-Tarzna, kien magħruf ukoll li l-fdalijet tal-*asbestos* li jidħlu fil-ġisem ma jinqalgħux u jibqgħu imqabbda fir-rita ta' organi vitali fil-bniedem li jwasslu għall-marda terminali tal-kanċer. Ħareġ ukoll li, minkejja dan l-għarfien, damu ma ttieħdu miżuri effettivi ta' prekawzjoni mill-awtoritajiet kemm biex jitwaqqaf il-kuntatt mal-materjal u kif ukoll biex saru liġijiet u regolamenti li jikkontrollaw l-użu tal-materjal u l-periklu tal-kuntatt miegħu;

"Illi huwa minnu wkoll li s-sintomi tal-marda li ħakmet lil Joseph Fenech bdew jidhru meta kien għadu fl-impieg tiegħu fit-Tarzna, u għall-Qorti dan huwa wkoll biżżejjed biex juri r-rabta kawżali bejn il-kundizzjonijiet li kien jitqiegħed fihom waqt ix-xogħol tiegħu u l-effetti li wasslu biex, fl-aħħar, il-marda turi s-sintomi tagħha u toħroġ fid-dieher bl-effetti terminali li ġabet magħha;

"Illi meta jinġabru dawn il-kunsiderazzjonijiet flimkien, il-Qorti ssib li toħroġ ċara l-qagħda fejn Fenech kien tqiegħed b'mod sistematiku u għal tul ta' żmien f'kuntatt mal-*asbestos* jew mal-għabra tiegħu u li dan kien qiegħed iġiblu bil-mod il-mod ħsara li ma titreġġax lura f'saħħtu. Dan kollu kien qiegħed iseħħ meta l-awtoritajiet f'Malta kienu jafu dwar l-effetti perikolużi ta' dan il-materjal fuq saħħet il-bniedem u li, minkejja dan l-għarfien, ma tnedewx miżuri b'serjetà u f'waqthom li setgħu jrażżnu l-ħsara li kienet qiegħda tiġri, jgħarrfu lin-

[23] Xhieda ta' Dr. Emanuel Farruġia f'paġġ. 139 u 143 tal-atti tal-kawża 1427/97

nies b'mod effettiv b'dik il-ħsara jew iħarsu lil dawk milquta milli jintlaqtu b'effetti hekk radikali f'saħħithom[24];

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilhom jippruvaw fi grad xieraq kemm li dak li ġralu missierhom kellu rabta diretta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li kien suġġett għalihom b'kuntatt mal-*asbestos* jew l-għabra tiegħu u kif ukoll li l-intimati, bħala rappreżentanti l-awtorità pubblika, naqsu li jimxu b'għaqal u f'waqtu biex iħarsu lir-rikorrent u lil min kien bħalu bil-għan li jiskansawh milli jiġi fiex ġie;

"Illi l-Qorti ma ssibx li għandha taċċetta s-sottomissjoni tal-intimati li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Ladarba Joseph Fenech miet b'riżultat tal-marda li ħakmitu, ladarba r-rikorrenti wliedu għandhom leġittimazzjoni attiva in kwantu qrabatu, allura huma wkoll jistgħu jitqiesu li ġarrbu ksur tal-jedd li dwaru jilmintaw[25]. Kif sejjer jingħad 'il quddiem, minn mindu ħarġu f'Fenech is-sintomi tal-marda kiefra u terminali li ħakmitu, il-ħajja tar-rikorrenti ma baqgħetx l-istess, mhux biss fuq il-livell affettiv jew emozzjonali, imma wkoll fuq dak ekonomiku u soċjali fi ħdan ta' familja;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tad-dritt għall-ħajja kif imħares kemm taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' **l-ewwel talba attriċi** għaliex tirriżulta mistħoqqa u ippruvata kif imiss u tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu mqajmin kontra dik it-talba;

"Illi r-rikorrenti sejsu l-azzjoni tagħhom ukoll fuq ilment ta' ksur tal-**jedd għall-ħajja privata u l-familja** li r-rikorrenti jressquh taħt żewġ talbiet (it-tieni u t-tielet talbiet attriċi) taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel minn dawk iż-żewġ talbiet, ir-rikorrenti jridu li l-Qorti ssib li ġarrbu ksur tal-jedd għar-rispett għall-ħajja privata tagħhom b'mod ġenerali, filwaqt li fit-tieni minn dawk iż-żewġ talbiet iridu li l-Qorti ssib li ġarrbu ksur tal-jedd għar-rispett għall-ħajja privata "f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għall-informazzjoni dwar il-perikli marbutin mal-asbestos";

"Illi l-intimati jwarrbu dawn it-talbiet billi jgħidu li mkien ma jitfisser kif u b'liema mod l-Istat indaħal fil-ħajja privata tar-rikorrenti, jew ta' min minnhom, jew kif il-fatt li Joseph Fenech kien intlaqat minn marda kiefra jissarraf f'indħil bħal dan;

---

[24] P.A. Kost AF **2.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmond Balzan et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (appellata)
[25] Ara, f'dan ir-rigward, Q.E.D.B. **24.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nru. 60908/11) § 87

"Illi l-Qorti tqis li fid-dawl tal-fatt li qieset l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja u sabet li dak l-ilment kien mistħoqq, u ladarba wkoll Fenech kien miet qabel ma nfetħet din il-kawża, ma huwiex il-każ li tistħarreġ dawn iż-żewġ talbiet. Jidher li, f'każijiet fejn persuni milquta mill-marda li ħakmet lil Fenech mietu minħabba fiha, il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja jixorbu fihom kunsiderazzjonijiet ta' lment ta' ksur għad-dritt imħares fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni[26];

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tqis dawn iż-żewġ talbiet attriċi u l-eċċezzjoni fil-mertu dwarhom minħabba l-kunsiderazzjonijiet u s-sejba ta' ksur ta' jedd fundamentali magħmula taħt l-ewwel talba attriċi;

"Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba jeħtieġ li tgħaddi biex tqis ir-**raba' talba attriċi**. Biha r-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tikkwantifika l-kumpens xeraq bħala rimedju għall-ksur stabblit tal-jeddijiet tagħhom;

"Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom[27], ir-rikorrenti jisħqu fuq l-għoti ta' kumpens konsistenti fil-kejl tiegħu ma' dak li ngħata mill-Qrati f'każijiet li jixbhu 'l dan. Min-naħa tagħhom[28], l-intimati jgħidu li l-fatt waħdu li l-Qorti ssib ksur ta' jedd fundamentali ma jfissirx li dan irid iġib miegħu likwidazzjoni f'somma flus. Huma jgħidu li, meħuda ċ-ċirkostanzi kollha, dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd tkun biżżejjed f'dan il-każ;

"Illi l-Qorti tagħraf li l-għoti ta' rimedju għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jrid ikun kompatibbli mal-għamla ta' azzjoni li taħtha r-rimedju jintalab. L-ewwel u l-aqwa rimedju jixraq ikun it-twaqqif tal-ksur li jkun jew il-prevenzjoni ta' ksur li hemm il-biżgħa li jista' jseħħ. Iżda fejn ikun seħħ ksur diġà jew fejn ir-rimedju ma jistax jitwettaq billi jitreġġa' lura l-għemil li jkun ġab tali ksur, irid jingħata kumpens li jneħħi l-effetti tal-ksur u jagħti, safejn possibbli, ir-"*restitutio in integrum*" kemm jista' jkun daqslikieku l-ksur ma seħħx[29]. Ġieli f'xi każijiet, dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali titqies biżżejjed. Imma f'każ ta' ksur ta' wħud mill-jeddijiet – bħall-jeddijiet għall-ħarsien paċifiku u t-tgawdija tal-possedimenti, jew fil-każ ta' ksur ta' jedd għall-ħelsien mill-arrest arbitrarju jew illegali – il-kumpens fi flus ikun ir-rimedju l-aktar xieraq li jista' jingħata, għalkemm dan xorta waħda jrid jitqies minn każ għal każ. Il-Qorti temmen li dan jgħodd ukoll għall-każ li għandha quddiemha fejn il-ħsara li seħħet minħabba l-ksur ta' jedd fundamentali li l-Qorti sabet li seħħ – u li wassal għall-mewt ta' Joseph Fenech – ma tistax titreġġa' lura;

[26] Ara ***Brincat et vs Malta*** §§ 85 u 102
[27] Paġġ. 60 sa 64 tal-proċess
[28] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 71 – 2 tal-proċess
[29] Kost. **5.7.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Gatt et vs Avukat Ġenerali et*** paġ. 22

"Illi l-Qorti tqis li ġie stabbilit li hemm tliet (3) "kriterji ċentrali u kumulattivi"[30] li jħarsu l-għamla ta' rimedju li jmissu jingħata f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali u fejn l-għoti ta' kumpens ikun ir-rimedju xieraq għal tali ksur. Dawn il-kriterji huma: (i) li s-sistema ġuridika ordinarja ma tagħtix rimedju xieraq; (ii) li jkun hemm rabta kawżali bejn il-ksur tal-jedd u t-telf li dwaru jintalab il-kumpens; u (iii) l-aktar f'każijiet fejn titressaq talba għall-ħlas ta' danni mhux pekunjarji (danni morali), irid jirriżulta grad xieraq ta' gravità tat-telf innifsu. Fil-każ ta' dan l-aħħar kriterju, tqies li, f'kawżi fejn jidħlu l-ansjetà u t-tbatija li ma jkunux ta' "gravità eċċezzjonali, m'hijiex ir-regola li jingħata kumpens għad-danni mhux pekunjarji"[31];

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wkoll ta' dak li qieset il-Q.E.D.B. fil-każ fuq imsemmi li tressaq quddiemha minn Malta, jingħad li fejn joħroġ ksur tal-artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni għandu dejjem jingħata kumpens bħala ħlas ta' danni mhux pekunjarji bħala rimedju[32];

"Illi b'rabta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, iridu jitqiesu wkoll fatturi u ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jgħinu biex ikun determinat l-ammont xieraq ta' kumpens u biex, kemm jista' jkun, jintuża kejl konsistenti f'kawżi li jixxiebhu. Fost dawn il-kriterji, wieħed isib (a) it-tul taż-żmien tal-marda li laqtet lil Joseph Fenech qabel ġie nieqes, (b) l-ansjetà u t-tbatija li ġarrbu r-rikorrenti f'dan il-każ matul l-imsemmija marda, u (ċ) l-età tal-persuna milquta mill-marda, b'mod li aktar ma l-persuna tkun għadha żgħira fl-età, akbar ikun l-ammont ta' kumpens li jingħata bħala dannu morali;

"Illi fil-każ tallum, Fenech miet ta' ħamsa u ħamsin (55) sena u madwar sentejn wara li feġġew l-ewwel sintomi tal-marda terminali tiegħu. Meta ħarġu l-ewwel sintomi ta' sogħla u qtugħ ta' nifs, Fenech kien għadu ma ħasibx biex jirtira. Martu kienet ekonomikament dipendenti fuqu. Iż-żewġ rikorrenti kienu għadhom jgħixu mal-ġenituri tagħhom u jew bdew jew kienu se jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Mill-bqija, nġabu ftit li xejn provi dwar kif il-marda laqtet ir-ritmu ta' ħajjet ir-rikorrenti;

"Illi l-Qorti tqis li meta tiġi biex tikkalibra l-ammont ta' kumpens imqar dak mhux pekunjarju, ma tistax toqgħod fuq spekulazzjonijiet[33]. Wieħed jifhem li, hekk kif ħarġu s-sintomi tal-marda, żdiedet b'xi mod il-pressjoni fuq ir-rikorrenti u l-ġenituri tagħhom f'dak li kellu x'jaqsam ma' dħul u ħruġ fl-isptarjiet, limitazzjonijiet fil-mobilità tal-pazjent u t-

---

[30] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** § 15

[31] Ara Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** § 21

[32] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Rosaria Fenech et vs Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika) et*** § 16

[33] Ara Q.E.D.B. (GC) **30.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Oneryildiz vs Turkija*** (Applik. Nru. 48939/99) §§ 166 u 171

tqabbid ta' għajnuna minn qraba biex wieħed ilaħħaq mal-iskariġġ li nqala' f'dan ix-xenarju ġdid;

"Illi wara li ħadet qies ta' dan kollu il-Qorti jidhrilha li għandha tillikwida kumpens globali mhux pekunjarju dovut lir-rikorrenti f'ishma ndaqs bejniethom fis-somma ta' tmintax-il elf euro (€18,000) u liema somma trid titħallas mill-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-intimat Avukat Ġenerali flimkien u solidalment bejniethom;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-**ħames u s-sitt talbiet** attriċi;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja tal-persuna ta' missierhom Joseph Fenech u li ħajtu ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn, għall-finijiet tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"**Tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi dawn jinġabru taħt il-kunsiderazzjonijiet magħmulin fl-ewwel talba;

"**Tilqa' r-raba', l-ħames u s-sitt talbiet attriċi** u tillikwida s-somma ta' tmintax-il elf euro (€ 18,000) bħala kumpens mhux pekunjarju għar-rikorrenti lkoll flimkien u f'ishma ndaqs għall-ksur imġarrab minnhom kif fuq ingħad, liema ħlas għandu jsir lilhom mill-intimati Tabib Prinċipali u l-Avukat Ġenerali, flimkien u solidalment bejniethom; u

"**Tordna** li l-intimati Tabib Prinċipali u l-Avukat Ġenerali jħallsu flimkien u solidalment bejniethom l-**ispejjeż tal-kawża**."

RIKORS TAL-APPELL TAR-RIKORRENTI (04.03.2019):

3. Ir-rikorrenti appellanti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravju tagħhom jirrigwarda l-kwantum tal-kumpens non-pekunjarju li llikwidat l-ewwel Qorti, cioe` dak ta' €18,000. Jilmentaw li dan huwa minimu wisq meta mqabbel ma' dak li jingħata bħala kumpens għal danni morali minn qrati fl-Italja u fir-Renju Unit f'ġurisdizzjonijiet marbuta taħt il-

Konvenzjoni Ewropea.

4. Jargumentaw illi dawn iż-żewġ ġurisdizzjonijiet joffru (a) riduzzjoni ta' mhux aktar minn 10% għal kull deċenju fl-eta` tal-vittma, u (b) mill-inqas id-doppju ta' €30,000 fejn il-vittma jkollu aktar minn 90 sena u s-sofferenza ma tissuperax it-tliet xhur. Jippreċiżaw li dawn il-kalkolazzjonijiet diġa' jiffatturaw għad-differenza fil-livel ta' għajxien kif ukoll il-pagi medji bejn Malta u dawn iż-żewġ pajjiżi.

5. Jinvokaw (u jirriservaw li jressqu lment ulterjuri) ai termini tal-**Artikolu 6** (fair trial), l-**Artikolu 1 Protokoll 1** (id-dritt għall-patrimonju, li jinkludi d-drittijiet legali), **l-Artikolu 13** (effective remedy), **l-Artikolu 14** (discrimination)[34], **l-Artikolu 41** (Just Satisfaction) u l-**Protokoll 12** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli f'Malta minn meta ġiet ratifikata mingħajr riserva f'Jannar 1965.

6. Finalment ifakkru li meta jingħata kumpens għal danni morali jrid ikun hemm impatt, u l-impatt irid jinħass mill-vittmi kif ukoll minn min ikun ivvjola d-dritt li jkun inkiser.

<u>RISPOSTA TAL-INTIMATI APPELLATI (15.03.2019):</u>

[34] Jargumentaw li m'għandhomx jiġu diskriminati f'dak li hu kwantum ta' "award" meta mqabbla ma' persuni oħra li ressqu lment legali komparabbli, anzi kważi identiku mal-ilment tagħhom". Ifakkru li l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni huwa l-aktar artikolu bażiku tal-Konvenzjoni, u aktar ma jkun bażiku d-dritt anqas hemm lok għal differenza fit-trattament bejn il-vittmi.

7. L-intimati appellati wieġbu biex jgħidu li l-kumpens mogħti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huwa ġust u jimmerita konferma.

8. Jargumentaw li wieħed ma jistax jipparaguna każ ma' ieħor għaliex kull każ huwa differenti u kull każ għandu l-fatturi partikolari tiegħu. Jgħidu wkoll li n-nozzjoni tar-*restitutio in integrum* m'għadhiex tfisser libertinaġġ ta' kalkoli biex wieħed jiggwadanja aktar milli jkun ħaqqu. Ifakkru li omm l-appellanti diġa' ottjeniet kumpens għad-danni pekunjarji permezz ta' proċedura ordinarja għad-danni quddiem il-Prim'Awla. Isostnu li l-ammont ta' €18,000 stabbilit mill-ewwel Qorti bħala kumpens għal danni morali huwa wieħed konsiderevoli, u li dan waslet għalih wara li xtarret il-fatti u kkonsidrat l-elementi kollha konnessi ma' dan il-każ, u għalhekk ma jidhrilhomx li dan għandu jiġi awmentat minn din il-Qorti.

<u>SFOND</u>

9. Ir-rikorrenti James u Dorothy aħwa Fenech huma ulied Joseph Fenech u martu Carmen nee Vella.

10. Joseph Fenech twieled f'Mejju <u>1941</u> u daħal jaħdem it-Tarzna ta' Malta f'Marzu 1959. F'Ottubru <u>1976</u> beda jaħdem bħala "*assistant*

*boiler maker”*. Lejn l-aħħar tas-sena 1993 kien qed jesperjenza sintomi ta’ qtugħ ta’ nifs, sogħla u anke telf ta’ aptit u għalhekk irrikorra għand it-tabib tiegħu, Dr Emanuel Farrugia. Wara li saru xi testijiet opportuni rriżulta li kellu “*malignant mesothelioma*”. It-tabib Farrugia spjega li dan huwa tumur fil-pulmun li huwa agressiv immens; huwa prattikament “sentenza ta’ mewt”. Spjega li għalkemm huwa rari, huwa komuni ħafna f’min ikun espost kontinwament għall-asbestos għal ħafna snin, bħal ma kien Joseph Fenech. Għalkemm ma hemmx fejqan għal dan it-tip ta’ kanċer, huwa ngħata kors ta’ raġġi f’attentat biex dan it-tumur agressiv jinfirex b’rata nqas mgħaġġla. (Dak iż-żmien ir-rikorrenti kienu għadhom jgħixu mal-ġenituri tagħhom. Dorothy Fenech, li kellha 29 sena, kienet taħdem u James Fenech li kellu 24 sena, kien għadu kemm beda jaħdem). Joseph Fenech iddaħħal l-isptar f’April 1994. Ma reġax mar lura x-xogħol u rtira bi skema li kienet ħarġet it-Tarzna fejn persuni ta’ ċertu eta` setgħu jitilqu mix-xogħol. Eventwalment miet fl-isptar Sir Paul Boffa fit-22 ta’ Frar 1997 fl-eta` ta’ 55 sena.

11. F’Ġunju 1997 l-armla ta’ Joseph Fenech u ż-żewġ uliedu fetħu kawża għad-danni kontra t-Tarzna ta’ Malta għall-kumpens (1427/97/PS). Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fl-10 ta’ Ottubru 2008 sabet lit-Tarzna ta’ Malta responsabbli għall-marda u l-mewt ta’ Joseph Fenech u ġiet ikkundannata tħallashom is-somma ta’ **€103,114.37 in linea ta’ kumpens pekunjarju**. Din il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-

deċiżjoni fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 2010.

12. Fil-5 ta' Lulju 2017 iż-żewġ uliedu, ir-rikorrenti odjerni, fetħu din il-kawża kostituzzjonali odjerna u fl-14 ta' Frar 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tagħhom in kwantu ddikjarat li l-istess rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja tal-persuna ta' missierhom u li ħajtu ma titqegħidx f'periklu bla bżonn għall-finijiet tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentement illikwidat is-somma ta' **€18,000 bħala kumpens għad-danni morali sofferti mir-rikorrenti**.

13. Ir-rikorrenti ħassew li dan l-ammont ta' €18,000 mhux wieħed adegwat u jippretendu li l-kumpens jiġi awmentat minn din il-Qorti, u għalhekk interponew l-appell odjern fl-4 ta' Marzu 2019.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

14. Dan l-appell jirrigwarda biss il-**kwantum** tal-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-ewwel Qorti. L-intimati mhux qed jikkontestaw li r-rikorrenti għandhom jitħallsu kumpens non-pekunjarju, iżda jsostnu li dan l-ammont ta' €18,000 huwa wieħed sostanzjali u m'għandux jiġi awmentat.

15. Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-kawża "***Edmond Balzan u Ingrid Sladden nee' Balzan ulied il-mejtin Joseph u Antoinette Balzan v. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) u Avukat Generali***" (19/2017/AF) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2018 u kkonfermata *in toto* minn din il-Qorti ftit xhur ilu, fid-29 ta' Marzu 2019. Jiġi spjegat li Joseph Balzan, missier ir-rikorrenti aħwa Balzan, kemm fiż-żmien li kien jaħdem mat-Tarzna ta' Malta, kif ukoll fiż-żmien li kien jaħdem mal-Malta Rubber Ltd, kien espost għall-għabra tal-asbestos u konsegwentement ikkontratta "*malignant mesothelioma*" bħal missier ir-rikorrenti odjerni, u miet kaġun ta' din il-marda fl-eta` ta' 71 sena. Instab li dan kien riżultat ta' ommissjoni serja da parti tal-istat li mhux biss ma aġġornax ruħu bil-leġislazzjoni mill-għarfien tal-perikli tal-asbestos u l-użu tiegħu, iżda naqas ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet pubbliċi dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u eliminazzjoni tal-użu f'waqthom ta' din is-sustanza tant noċiva għas-saħħa tal-bniedem. Bħala danni non-pekunjarji ġie likwidat l-ammont ta' €10,000. Fost l-aggravji sollevati fl-appell u fl-appell inċidentali qamet il-kwistjoni dwar il-kwantum tal-kumpens, in kwantu r-rikorrenti ħassew li l-ammont ta' €10,000 kien wisq baxx, u l-intimati invece sostnew li kien għoli wisq.

16. Ir-rikorrenti Balzan fir-rikors tal-appell tagħhom kienu għamlu referenza għall-każ "***Brincat and others v Malta***" (li ukoll jirrigwarda

ċirkostanzi fejn il-vittimi kienu esposti għall-għabra tal-asbestos) fejn il-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Lulju 2014 illikwidat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €9,000 fejn il-vittmi għalkemm mardu serjament minħabba l-espożizzjoni għall-asbestos kienu għadhom ħajjin meta ġie deċiż il-każ, u akkordat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €30,000 kollettivament lit-tliet familjari ta' vittma li tilef ħajtu kaġun tal-espożizzjoni tiegħu għall-asbestos[35]. Saret ukoll referenza għall-każ ***Mary Grace Farrugia et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha fil-31 ta' Jannar 2017 fejn il-kumpens li ngħata kollettivament lill-erba' familjari tal-vittma Andrew Psaila kien fl-ammont ta' €30,000[36].

17. Fir-rigward tar-referenza li għamlu r-rikorrenti Balzan għal dawn iż-żewġ kawżi msemmija, din il-Qorti rriteniet hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"30. Din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi ċ-ċirkostanzi taż-żewġ każijiet ċitati minnhom fir-rikors tal-appell huma analogi għal dawk tal-każ odjern fil-mertu ċentrali tagħhom u fl-elementi li huma relevanti sabiex tiġi stabbilita leżjoni lamentata u d-dritt għal kumpens għal danni mhux pekunjarji. Dan jingħad għaliex fit-tlett każijiet il-vittmi kollha kienu ex-impjegati tal-Malta Drydocks li kien jaħdmu fl-istess perjodu ta' żmien bħala ħaddiema ġewwa t-Tarzna, **kienu kollha esposti għall-asbestos** fuq il-post tax-xogħol tagħhom, u **lkoll mietu b'kundizzjonijiet li kienu kaġun tal-espożizzjoni kontinwa tagħhom għal dan il-materjal**. Fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, huma dawn il-kriterji, magħdud magħhom ukoll **it-tul ta' żmien tal-marda li sofrew qabel ma mietu**, u l-**ansjeta` u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma**, kif ukoll, sa ċertu punt, l-**eta` tal-vittma**, li huma relevanti biex jiġi likwidat kumpens għal danni non-pekunjarji lill-eredi*

[35] Il-vittma, Attard, kien miet fl-2006 fl-eta` ta' 61 sena.
[36] Il-vittma, Psaila, kien miet fl-1988 fl-eta` ta' 60 sena.

> *tal-vittmi. In oltre din il-Qorti taqbel li anke fil-każ odjern fil-komputazzjoni tal-quantum tal-kumpens dovut lir-rikorrenti għandu jittieħed kont **tar-relattivita` ma' każijiet oħra simili ġia deċiżi**.*"

18. Wara li l-qorti qieset l-imsemmija deċiżjonijiet, wara li qieset li missier ir-rikorrenti Balzan kellu 71 sena meta miet (cioe` eta` pjuttost avvanzata) u wara li qieset li t-tul tas-sofferenza (cioe` minn meta feġġet il-marda sakemm miet) kien ta' cirka sena u nofs, dehrilha li l-ammont ta' €10,000 likwidat mill-ewwel Qorti kien wieħed ġust.

19. Lura għall-każ odjern. Din il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Meta Joseph Fenech ġie maħkum mill-marda qerrieda tal-kanċer kellu biss **51 sena**, eta` meta l-prospetti li wieħed ikompli jgħix u jgawdi kwalita` ta' ħajja tajba jkunu għadhom konsiderevolment tajbin. Huwa miet tliet snin wara, fl-eta` ta' **55 sena**. Għalhekk huwa ġie pprivat minn ħajtu f'eta` relattivament żgħira, u r-rikorrenti da parti tagħhom ġew imċaħħda mill-preżenza u mill-kumpanija ta' missierhom meta huma wkoll kienu għadhom relattivament żgħar.

(ii) Meta persuna tiġi djanjostikata b'marda terminali, dan ikollu **impatt qawwi** fuq il-familjari tiegħu. L-aħbar tipproduċi xokk, ansjeta u tbatija psikoloġika tremenda. *Multo magis* meta l-familjari tiegħu jkunu jabitaw fl-istess dar mal-persuna affettwata, kif kienu r-rikorrenti odjerni;

dan għaliex ir-rabta emozzjonali tkun iktar ikkonċentrata u qawwija. Il-familja titħarbat kompletament.

(iii) Ma jistax jiġi negat li aktar ma ż-żmien tal-marda ikun twil, hekk ukoll **aktar jitwal** l-istat ta' ansjeta` u tbatija psikoloġika u emozzjonali tal-familjari, u ta' tħarbit fil-familja. Il-perjodu bejn meta feġġ il-kanċer ta' Joseph Fenech sakemm miet kien ta' **3 snin**: ċertament li ma jistax jitqies li huwa perjodu qasir.

*(iv)* Iktar ma jkun hemm membri tal-familja, iktar il-konsegwenti *"hardship*" kollettiv ikun kbir. Il-"*hardship*" ma jiġix **maqsum** bejn il-membri tal-familja tal-marid, iżda jiġi minflok ikkalkulat għal kull membru tal-familja immedjata. Għalhekk meta dawk il-membri tal-familja jippretendu kumpens għad-danni morali li jkunu batew, il-qorti trid tassigura li kull membru jieħu kumpens adegwat u li jagħmel impatt għal telfa tant sinifikanti f'ħajjtihom u għall-problemi u ansjetajiet relattivi li għaddew minnhom; għandha tassigura li l-istat jagħmel tajjeb għal dan il-"*hardship"* li tkun batiet kull persuna individwalment, għaliex l-effett tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 2 effettivament ikun inħass minn kull wieħed mill-familjari individwalment.

20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u fid-dawl ukoll tad-deċiżjonijiet tal-qrati fil-kawżi fuq imsemmija, din il-Qorti hija tal-fehma li

l-ammont ta' €18,000 li llikwidat l-ewwel Qorti in linea ta' kumpens għad-danni morali li sofrew iż-żewġ rikorrenti (cioe` €9,000 kull wieħed) huwa ammont verament insuffiċjenti. Din il-Qorti minflok, tillikwida d-danni morali fl-ammont ta' **€26,000** sabiex kull wieħed mir-rikorrenti jieħu €13,000 li huwa ammont aktar ġust.

**Decide**

21. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrenti u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu qiegħda tillikwida l-ammont ta' danni non-pekunjari li l-intimati appellati għandhom iħallsu lir-rikorrenti appellanti fl-ammont ta' **€26,000** (sitta u għoxrin elf euro).

22. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-intimati appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm